# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 3**

**Rik. Ġur. 1120/2013 RGM**

**Inna Said**

**vs.**

**Massimo Bonello**
**Albert Sammut**
**Motor Insurance Pool ġia Motor Omnibus Pool**

**Il-Qorti:**

1. Rat li b'rikors ġuramentat tat-22 ta' Novembru 2013 l-attriċi Inna Said fissret li fit-2 ta' Diċembru 2008 għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu, kienet involuta f'inċident stradali ġewwa Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar meta ttajret minn vettura tal-għamla Bedford Dominant proprjetà tal-konvenut Albert Sammut u fil-ħin tal-inċident misjuqa mill-konvenut Massimo Bonello. Tippremetti li din il-vettura kienet tintuża għat-trasport pubbliku u assikurata ma' Motor Omnibus Pool, illum Motor Insurance Pool. B'konsegwenza tal-inċident, l-attriċi korriet u kienet fil-periklu li titlef ħajjitha u għada tbagħti

minn diżabilità permanenti. Fissret li t-tabib kuranti tagħha l-Professur Anthony Galea Debono iċċertifikaha li qed issofri minn diżabilità permanenti fir-rata ta' ħamsa u tletin fil-mija (35%). L-attriċi fissret li hija ġarrbet *lucrum cessans* stante li sofriet debilita permanenti kif ukoll *damnum emergens* li jinkludu spejjeż ta' tobba, professuri u esperti mediċi kif ukoll spejjeż mediċi oħra. Tgħid li minħabba l-ġrieħi li ġarrbet f'rasha u anke f'wiċċha, l-attriċi ser ikollha tissottometti ruħha għal interventi kirurġiċi plastiċi. Ippremetiet li sussegwentement għal dan l-inċident, ġew intavolati proċeduri kriminali fil-konfront tal-konvenut Massimo Bonello li fiż-żmien li ġiet intavolata din il-kawża kienu għadhom *sub judice*. Tgħid li għalkemm interpellat lill-konvenuti sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni huma baqgħu inadempjenti u kien għalhekk li resqu din l-azzjoni fejn talbu lill-Qorti:

> "1. Tiddikjara illi fit-tnejn (2) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu, ġewwa Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar, seħħ inċident stradali, fejn ir-rikorrenti sfat imtajra minn vettura tal-għamla Bedford Dominant, targata DBY 431, fil-ħin tal-inċident misjuqa minn Massimo Bonello u tiddikjara illi dan l-inċident seħħ unikament, konsegwenza tal-aġir tal-intimat Massimo Bonello;
>
> 2. Tiddikjara illi konsegwenza ta' dan l-inċident, ir-rikorrenti sofriet danni, inkorriet diversi spejjeż u anke qed tbagħti minn diżabilità permanenti;
>
> 3. Tillikwida d-danni hekk sofferti minn l-istess rikorrenti;
>
> 4. Tordna lill-intimat Massimo Bonello, lill-intimat Albert Sammut u lill-intimata Motor Insurance Pool gia Motor Omnibus Pool fil-vesti tagħha ta' assiguratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBY 431, liema vettura kienet qed tinstaq minn l-istess intimat Massimo Bonello, u proprjetà ta' Albert Sammut, sabiex iħallsu solidament bejniethom lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata, *occorendo* anke bin-nomina ta' Periti;
>
> Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali u bl-imgħaxijiet".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Massimo Bonello ppreżentata fit-8 ta' Jannar 2014 fejn in linja preliminarja eċċepixxa li l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16. Fil-mertu irribatta li huwa m'huwiex responsabbli għall-inċident de quo stante li l-akkadut seħħ minħabba nuqqas

ta' attenzjoni min-naħa tal-attriċi bħala *pedestrian* u kwindi mhux responsabbli għal danni u wkoll li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom. Fisser l-eċċezzjonijiet tiegħu billi għamel referenza għal proċeduri kriminali intavolati kontrih li ġew konklużi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Diċembru 2013 fejn ġie liberat mill-akkużi kollha għajr għall-ewwel imputazzjoni ċioe li kien qiegħed isuq il-vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan.

3. B'digriet tat-12 ta' Mejju, 2016 mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta, il-konvenut Massimo Bonello ġie awtorizzat iressaq eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni. Fil-31 ta' Mejju 2016 il-konvenut Massimo Bonello ressaq eċċezzjoni ulterjuri li l-azzjoni attriċi hi preskritta ai termini tal-Artikolu 2154 (1) tal-Kapitolu 16.

4. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Albert Sammut u Motor Insurance Pool ippreżentata fid-9 ta' Jannar 2014 fejn huma wkoll in linea preliminari eċċipew li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 u 2154 (1) tal-Kapitolu 16. Eċċipew li t-talbiet kontra Albert Sammut huma legalment insostenibbli u infondati billi fil-mument tal-inċident huwa kien biss propjetarju tal-vettura DBY 431 u ma kienx qiegħed isuq il-vettura u għalhekk ma jistax jinżamm responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża tant li l-attriċi lanqas qiegħda titlob dikjarazzjoni ta' responsabbiltà fil-konfront tiegħu. Lanqas ma jista' jingħad li kienu responsabbli Motor Insurance Pool billi l-assigurat tagħha m'huwiex responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi u dan stante li r-responsabbiltà tal-assiguratur tiddependi dejjem fuq ir-responsabilità ċivili tal-assigurat tiegħu. Għaldaqstant jekk l-azzjoni ma tirnexxix kontra l-konvenuti l-oħra lanqas ma tista' tirnexxi kontra s-soċjetà assikuratriċi. Ġie eċċepiet ukoll li l-attriċi trid iġib prova tad-danni sofferti minħabba l-inċident partikularment tad-debilità permanenti allegatament sofferta.

5. Rat li fuq ordni ta' din il-Qorti kif diversament preseduta ġew l-ewwel trattati u deċiżi l-eċċezzjoni preliminari ta' kull wieħed mill-konvenuti. B'sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili iżda laqgħet l-eċċezzjoni eċċepita ai termini tal-Artikolu 2154 tal-Kodiċi Ċivili.

6. L-attriċi appellat minn dik is-sentenza, u b'sentenza tas-27 ta' Marzu 2020, il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri,) għar-raġunijiet hemm mogħtija, rriformat is-sentenza appellata billi kkonfermatha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2153 u ħassritha fejn laqgħet l-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 2154 (1) u minflok ċaħdet ukoll dik l-eċċezzjoni. L-atti ġew mibgħuta lura quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta.

7. Rat in-nota[1] tal-attriċi tal-1 ta' Diċembru 2020. Permezz tagħha eżebiet kopja ta' ftehim ta' tranżazzjoni datat 11 ta' Ottubru, 2020 bejn l-attriċi u l-konvenuta Motor Insurance Pool[2] fejn l-attriċi irċeviet riżarċiment tad-danni subiti fl-inċident de quo billi tħallset is-somma ta' €95,000, "in full and final settlement of all damages, now or hereafter manifested, including but not limited to all damages for bodily injuries, loss of actual warges or other earnings and loss of future earnings, medical expenses and legal expenses suffered in consequence of the above-mentioned accident." Oltre s-somma a' €1,168.90 rappreżentanti l-ispejjeż ġudizzjarji tal-attriċi fil-kawża odjerna għall-perijodu minn wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija li ingħatat fis-27 ta' Marzu, 2020. Għalhekk l-attriċi (i) fil-konfront tal-konvenut Massimo Bonello ċediet il-mertu tal-kawża filwaqt li żammet ferm il-kap tal-ispejjeż; u (ii) fil-konfront tal-konvenuti l-oħra ċediet l-atti kollha ta' din il-kawża.

8. Peress li l-attriċi u l-konvenut Massimo Bonello baqgħu ma ftehmux dwar il-kap tal-ispejjeż il-Qorti kompliet bis-smiegħ tal-kawża għall-finijiet li tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż.

9. Rat l-atti u l-provi kollha li tressqu.

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Massimo Bonello ppreżentata fit-13 ta' Ġunju 2023[3] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi tal-20 ta' Ġunju 2023[4].

11. Wara li semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż.

---

[1] Fol. 152 tal-proċess
[2] Kopja a fol. 153
[3] Fol 659 et seq tal-proċess.
[4] Fol 665 et seq tal-proċess

Ikkunsidrat;

**Fatti Rilevanti.**

12. Fit-2 ta' Diċembru 2008 għal ħabta tat-8:30 ta' filgħodu fi Triq it-Trunċiera San Pawl il-Baħar, l-attriċi Inna dak iż-żmien Atrepeyeva-Abrekova sfat feruta u kienet fil-periklu tal-mewt wara li ttajret minn xarabank min-numru DBY 431 misjuqa minn Massimo Bonello. Dak inhar stess tal-akkadut sar Rapport tal-Pulizija u ttieħdet l-i*statement* ta' Bonello li taqra hekk "kont ġej mill-venda lejn il-pjazza u smajt daqqa u waqaft. X'ħin waqaft rajt is-sinjura fuq il-bankina ġod-demm."[5]

13. Sussegwentement Massimo Bonello tressaq mill-Pulizija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fit-12 ta' Marzu 2010 akkużat li saq l-vettura DBY 431 mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorità dwar it-trasport ta' Malta, li saq vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' sigurtà, saq bi traskuraġni, bla kont u b'mod perikoluż u li minħabba dan kollu ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Inna Abrekova Atreptyeva.

14. L-inkjesta maġisterjali ingħalqet fis-27 ta' Mejju, 2009. Mill-*Process Verbal* jirriżulta illi fl-4 ta' Diċembru, 2008 l-attriċi stqarret mal-Perit Legali nominat mill-Qorti Inkwirenti hekk "*I was going to take the bus. I was a bit late. I was walking going to the bus stop. I saw the bus coming. I was crossing the street, then I do not know what happened. I do not remember anything else. Then I found myself in hospital*."[6] Din l-istqarrija ingħatat waqt l-inkjesta maġisterjali wara li ġiet dikjarata mit-tabib kuranti tagħha li kienet f'kundizzjoni li tixhed.

15. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, l-attriċi xehdet fit-8 t'Ottubru 2010:

> *"And that shall street you have to be careful how you cross, cause it's one way and you cannot see any car coming from the other side because it's around the corner. So I had to go down to see from the both sides if there is anything to cross the small street and then I arrive in the corner, there*

[5] Fol 8 tal-proċess.
[6] Fol 317 tal-proċess.

*was a small, it's like a "riklam", so I had to pass it, either from the left or the right and I passed it from the right which was near the corner of the road and it was near the pavement and I walked a bit down from the pavement. There was a bus coming from the other side and I was waiting for him to pass and in the meantime I was looking on the other side, to see if there is any other cars coming so when the bus pass I can cross. After I can't remember anything."*[7]

16. Jirriżulta li fis-17 ta' Marzu 2010 l-attriċi kienet żaret lil Dr A Galea Debono u dan wara li fis-16 ta' Marzu 2010 sofriet episodju ta' epilepsija. Fir-rapport tiegħu tad-19 ta' Frar 2011, Dr. A Galea Debono, wara li għamel referenza għat-testijiet mediċi li kienu saru l-Isptar Mater Dei wara l-akkadut u kif ukoll għal dawk it-testijiet li għamel hu, wasal għas-segwenti konklużjoni:

*"Unfortunately it is too early to conclude whether Ms. Inna will have:*
*1. Epilepsy that is well controlled and that medication has produced no side effects. In this case the permanent disability would be 15%*
*2. Epilepsy that is difficult to treat or whether anticonvulsant medication is producing intolerable side effects. In this case the permanent disability would be 35%*
*3. Intractable daily epileptic attacks, in spite of medication. In this case the disability would be 70%.*

*In this case the likely scenario is the second possibility namely; Epilepsy that is difficult to treat or whether anticonvulsant medication is producing intolerable side effects. In this case the permanent disability would be 35%"*[8]

17. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Diċembru 2013 sabet lil Bonello ħati talli saq il-vettura DBY 431 mingħajr liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorità dwar it-trasport ta' Malta u weħel multa ta' mija u ħamsin Ewro (€150) u skwalifikatu milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien tmint (8) ijiem minn dik is-sentenza. Il-Qorti pero' ma sabitx lil Bonello ħati tal-bqija tal- imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet. Din il-konklużjoni waslet għaliha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[7] Fol 393 – 394 tal-proċess.
[8] Fol 14 tal-proċess.

"Illi in kwantu jirrigwarda sewqan perikoluz u traskurat u l-akkuza li minhabba tali sewqan u minhabba nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku l-imputat ikkaguna feriti ta' natura gavi lil Inna Abrevoka Atreptyeva din il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-incident awtomobilistiku de quo gie kagunat minhabba xi sewqan perikoluz jew traskurat da parti tal-imputat jew minhabba xi nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Ezami akkurat tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz anzi jindika li l-incident sehh unikament minhabba traskuragni min-naha tal-pedestrian/parti civili meta hija qasmet it-triq. lli x-xhieda okulari u ndipendenti migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz lkoll jindikaw li l-imputat kien qed isuq b'velocita' normali u b'mod galbat u li l-parti civili qabdet u qasmet it-triq b'rasha baxxuta.

Il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fejn gie stabbiit li l-pedestrian bhas-sewwieq u bhala utent tat-triq ghandu certu obbligi meta jkun qed jaqsam it-triq, liema obbligi wkoll jinkludu dak li jzomm a *proper lookout* u jevita l-perikoli bla bzonn qabel ma jaqsam it-triq. F'sentenza moghtija fil-21 ta' Gunju, 1995 fil-kawza George Micallef pro et noe vs Gordon Camenzuli il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghamlet referenza ghall-artikoli 20 u 21 tal-Highway Code u sahqet illi meta pedestrian ikun qed jaqsam it-triq, fejn ikun hemm, ghandu dejjem juza s-subway jew zebra crossing u ghandu jaqsam biss meta jkollu vizwali cara taz-zewg nahat tat-triq. Qalet ukoll illi qabel jaqsam il-pedestrian ghandu jieqaf fuq il-bankina, jhares lejn il-lemin u mbaghad lejn ix-xellug, u jerga' lejn il-lemin u jaqsam biss meta fit-triq ma jkunx hemm karozzi (ara wkoll Mary Bonello et vs Sylvia Fsadni Appell deciz fil-11 ta' Marzu, 1998).

[...]

Fil-kaz odjern il-Qorti hija tal-fehma li l-kawza unika tas-sinistru kien il-mod inkonsult u traskurat ghall-ahhar li bih qasmet it-triq il-pedestrian u li ma kien hemm xejn fis-sewqan tal-imputat li jista' jigi ritenut li kkontribwixxa ghall-akkadut. Fil-kaz odjern il-pedestrian bl-imprudenza taghha krejat lis-sewwieq emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva

tempestiva da parti tal-imputat. (ara Appell Kriminali ; "Il-Pulizija vs. J. Formosa", Vol. XLIII. P. IV p. 1023).

[...]

Illi mill-assjem tal-provi hareg li l-vettura misjuqa mill-imputat dakinhar tal-incident kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni u li l-istess vettura kienet licenzjata f'isem Albert Sammut bhala propjetarju u kellha kemm il-licenzja tal-vettura mhallsa kif ukoll polza ta' assikurazzjoni (ara dok MP2 a fol 52). Illi jsegwi li l-imputat ma jistghax jinsab hati tat-tieni mputazzjon migjuba fil-konfronti tieghu."

18. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Diċembru, 2013 ma ġietx appellata u għalhekk għaddiet in ġudikat.

19. B'rikors ġuramentat tat-22 ta' Novembru 2013 u għalhekk waqt li l-proċeduri kriminali kontra Bonello kienu għadhom pendenti, l-attriċi Inna Said intavolat l-azzjoni ċivili odjerna, fejn fiha qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li Massimo Bonello huwa unikament responsabbli għall-akkadut tat-2 ta' Diċembru 2008 ġewwa Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar fejn fih hija sfat imtajra mill-vettura misjuqa minn Bonello u konsegwentement talbet lill-Qorti tiddikjara li hija sofriet danni u sabiex l-istess danni jiġu likwidati u mħallsa mill-konvenuti.

20. Għal din l-azzjoni tressqu diversi eċċezzjonijiet inkluż eċċezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni.

21. Il-Qorti kif diversament preseduta, b'sentenza tas-16 ta' Mejju, 2017 laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2154 tal-Kap. 16 liema sentenza ġiet appellata u b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) tas-27 ta' Marzu 2020, l-appell ġie milqugħ, is-sentenza appellata ġiet mħassra u l-atti intbagħtu lura quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta.

22. L-attriċi u s-soċjetà assikuratriċi waslu għal ftehim u t-transiġew il-mertu tant li fis-6 t'Ottubru 2020 il-partijiet talbu taxxa *come ceduta* fejn għal finijiet ta' valur indikaw iċ-ċifra ta' €95,000.

23. Fil-11 t'Ottubru 2020 Inna Said u l-assikurazzjoni Motor Insurance Pool iffirmaw ftehim ta' transazzjoni fejn fost oħrajn qablu dwar s-segwenti:

"*WHEREAS Motor Insurance Pool has already paid to the Claimant all the Claimant's costs in the said proceedings numbered 1120/13 up to the date of the judgement of the Court of Appeal of the 27th March 2020 on the plea of prescription, saving the right of Motor Insurance Pool to recover any shares of said costs from the other defendants'*

*[...]*

*NOW THEREFORE, in virtue of the present agreement the Claimant and the Insurance hereby agree and reciprocally bind themselves as follows:*

*[...]*

*2. The Insurance is also paying unto the Claimant hereon, the sum of [...] (€1,683.90), which the Claimant accepts, representing all of the Claimant's judicial costs in the above-mentioned case numbered 1120/13 for the period following the judgement of the Court of Appeal until today, inclusive of Value Added Tax, and this as per the attached taxed bill of costs herewith attached and marked Document 'A'.[...]*

*3. In view of the above payment by the Insurance, the Claimant declares and confirms that the Insurance, Albert Sammut and Massimo Bonello (who are also defendants in the above-mentioned case numbered 1120/13) are hereby fully released and discharged and shall be under no further liability whatsoever in connection with the said accident. Accordingly the Claimant acknowledges that the payment received today has been effected by the Insurance also for the benefit of the other defendants in the said lawsuit. However, this agreement does not affect any other claim for damages the Claimant may bring (not being a claim against the Insurance or Albert Sammut) which is not a claim for damages suffered in consequence of the above-mentioned accident;*

*The Claimant agrees and undertakes to withdraw the above-mentioned case numbered 1120/13 at the next hearing, save that, as regards the defendant Massimo Bonello, the Claimant shall be entitled to insist that it*

*should not be condemned to pay his judicial costs and to seek a court decision on the issue of the costs of defendant Massimo Bonello. Accordingly, as against defendant Massimo Bonello, the Claimant shall withdraw the lawsuit as to the merits only whilst reserving the issue of the costs of Massimo Bonello following the judgement of the Court of Appeal*."[9]

24. L-ewwel seduta wara dan il-ftehim kienet fl-1 ta' Diċembru 2020 u hemm ġie verbalizzat is-segwenti:

"Dr. Sarah Grech ghall-attrici qed tipprezenta nota ta' cessjoni limitatament fir-rigward tal-mertu, u zzomm ferm il-kap tal-ispejjez fil-konfront tal-konvenut Massimo Bonello, stante li kontrarjament ghall-konvenuti l-ohra, huwa rrifjuta li jiffirma l-iskrittura ta' transazzjoni, u ghalhekk il-kap tal-ispejjez fil-konfront tal-konvenut Massimo Bonello ghadhu mhux transatt.

Dr. Sarah Grech ghall-attrici tiddikjara li l-attrici m'ghandha ebda pretensjoni fil-konfront tal-konvenut Massimo Bonello dwar il-kap tal-ispejjez, sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Marzu 2020, stante illi dawk l-ispejjez tal-attrici thallsu lill-attrici mill-assikurazzjoni bhala parti mit-transazzjoni, u dan naturalment fit-termini ta' transazzjoni.

L-attrici tiddikjara li fl-eventwalita li l-konvenut Massimo Bonello jirtira l-pretensjoni tieghu kontra l-attrici ghall-ispejjez tieghu fil-kawza odjerna, l-attrici ma jkollhix pretensjonijiet fil-konfront tal-konvenut Massimo Bonello dwar l-ispejjez gudizzjarji, b'dan illi, l-kawza tkun tista' tigi ceduta, spejjez bla taxxa.

Peress illi Dr. Vassallo ghall-konvenut Massimo Bonello qed tinforma lill-Qorti li m'ghandhiex struzzjonijiet biex tittransigi l-vertenza tal-kap tal-ispejjez, il-Qorti tordna illi f'dan l-istadju jressaq il-provi tieghu Massimo Bonello, u ghalhekk qieghda taghtih sa nofs Jannar 2021, sabiex jipprezenta l-Affidavit tieghu, anness mieghu l-provi dokumentarji kollha rilevanti, bil-visto jew notifika ta' Dr. Sarah Grech."[10]

---

[9] Fol 154 – 155 tal-proċess.
[10] Fol 151 tal-proċess.

25. Kif jindika dan l-istess verbal in vista li ma kien hemm ebda qbil dwar il-kap tal-ispejjeż u sabiex din il-Qorti tkun tista' tagħti s-sentenza dwar dan, il-Qorti ordnat li jinġabru xorta waħda numru ta' provi dwar ir-responsabiltà tal-inċident.

**Provi**

26. L-**attriċi** xehdet permezz t'affidavit fejn identifikat it-toroq li għaddiet minnhom sabiex tmur għal fuq l-istejġ li minnu riedet taqbad tal-linja. Hija tgħid illi hija kienet miexja fi Triq il-Ħalel direzzjoni ta' Islet Promenade minn fejn riedet taqbad tal-linja. Tgħid li meta waslet f'Islet Promenade bdiet taqsam biex tmur in-naħa l-oħra ta' Triq il-Ħalel ħalli eventwalment taqsam Islaet Promenade sabiex tmur fuq stage tal-linja li hemm man-naħa l-oħra ta' Islet Promenade. Tkompli tixhed hekk:
"*Once I would have crossed Halel Street, my intention was to cross Islet Promenade to get to Sajf bus stop. However, I did not get that far. While I was still crossing Halel Street, approximately while I was in the middle of Halel Street, I heard a noise and I turned back and saw that a bus was coming down Islet Promenade in the direction of Buġibba Suqare. This was bus BDY 431 [...] I had nearly arrived at the corner between Halel Street and Islet Promenade, when suddenly I was hit by this bus bearing number plate BDY 431*."[11] Tgħid li ħarġet mill-Isptar fid-19 ta' Diċembru 2008 però baqa' jkollha viżti regolari għand it-tabib minħabba l-uġigħ u sussegwentement minħabba l-episodji tal-epilessija.
27. Meta xhedet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-11 ta' Novembru, 2011 fil-kawża Il-Pulizija vs. Massimo Bonello hija xhedet:
*"Pros: So when you are saying the place of impact, can you tell the Court where it is and in which part of the street were you? Tell us on photo 1.*
*Witness: On photo 1 it is the X coming like on the corner of the street, The pavement.*
*Pros: You were on the pavement or underneath the pavement?*
*Witness: I did not arrive to the pavement because I just cross from one side to another to cross the street and while I was coming to the pavement I saw the bus coming from here*
*Pros: Write Bus*

[11] Fol 181 tal-proċess.

*Witness: Bus was coming from here and I saw the bus coming and when I arrive here I was waiting for him to pass so I can cross*
*Pros: so I understand that the bus was passing through a main road?*
*Witness: Yes*
*Pros: when you were first crossing, you were crossing the main raod?*
*Witness: I was crossing a side street, not the main road. I just arrive to the corner to wait until the buss pass so I can cross the main street*
*Pros: And you were hit underneath the pavement?*
*Witness: Yes I just arrive from, I did not arrive to the pavement yet because I was still on the way"*

28. **Massimo Bonello** xehed permezz t'affidavit fejn qal li huwa kien ilu jsuq ix-xarabank għal 6 snin u dejjem saq l-istess rotta ta' San Pawl il-Baħar u allura kien jaf it-toroq sew ta' din ir-rotta. Jgħid li waqt li kien qiegħed isuq b'veloċità ta' madwar 30 kilometru fis-siegħa huwa semgħa ħoss qawwi, waqaf fil-ġenb u niżel jara x'kien il-ħoss. Jgħid li t-triq li seħħ l-inċident fiha hija triq *side street* li tal-linja biss kienu jgħaddu minnha. Jgħid li meta niżel minn tal-linja huwa ra mara mal-art mitlufa minn sensiha u kien hemm li huwa b'paniku fuqu pprova jċempel għall-ambulanza u għall-pulizija. Jinsisti li huwa kien qiegħed isuq bil-galbu u t-tort tal-inċident kien ta' Inna Said li qasmet it-triq bi traskuraġni u mhux minn fuq *zebra crossing*.

    In kontro-eżami huwa ppreċiża li l-kantuniera li minnha ġiet is-sinjura Said kien qabiżha u għalhekk ma setax jaraha però huwa sema' ħoss u waqaf jara x'kien. Spjega wkoll li għalkemm it-triq kienet għal tal-linja, din kien biss għal karreġġjata li tieħu għal pjazza però bil-kontra setgħu jitilgħu vetturi oħra u huwa għalhekk li hu bilfors kellu jsuq fil-karreġġjata tiegħu u ma setax imur fuq il-karreġġjata l-oħra għax inkella kien isuq *wrong way*. Jispjega li l-*bus stop* kienet lejn il-pjazza u kien fadallu biex jasal għaliha u allura ma kienx qiegħed isuq aktar lejn il-bankina. Jgħid li qabel din il-*bus stop* kien hemm *zebra crossing*. Insista li huwa waqaf mill-ewwel malli sema' l-ħoss tant li s-Sinjura Said kienet fil-ġenb tax-xarabank (ċioe ma kienx qabiżha b'tul it-trakk kollu u lanqas tajjarha quddiemu). Meta ġie mistoqsi għalfejn qabbad avukat tiegħu biex jirrispondi għal kawża, ix-xhud spjega li dan għamlu peress li huwa kien qiegħed jiġi mħarrek personalment. In ri-eżami ppreċiża li bejn il-kantuniera u z-*zebra crossing* kien hemm sebgħa metri u xi sebgħa metri oħra 'l isfel għal *bus stop*.

29. Xehed **Mark Axiaq**, rappreżentant tas-soċjetà assikuratriċi. Spjega li l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura in kwistjoni kien ħariġha l-konvenut Albert Sammut filwaqt li l-konvenut Massimo Bonello kien indikat bħala wieħed mis-sewwieqa li seta' jsuq dik il-vetura. Spjega li sew il-konvenut Sammut kif ukoll il-konvenut Bonello kienu ffirmaw dikjarazzjoni mal-kumpanija assikuratriċi illi meta tidħol xi *claim* fuq vettura DBY 431 huma jkunu awtorizzati li jirrispondu l-kawża għan-nom tagħhom Meta ġie mistoqsi għalfejn Bonello daħħal risposta separata minn dik tal-assikurazzjoni, jgħid li minn dak li ra mill-fajl jidher li kienet għażla tiegħu li jingaġġa avukat tal-fiduċja tiegħu. Meta ġie mistoqsi x'kienet ir-raġuni li fil-ftehim li laħqu ma' Inna Said ma kienx hemm inkluż ukoll l-ispejjeż legali ta' Massimo Bonello, ix-xhud qal hekk: "*Ghax Massimo Bonello qabbad avukat minn jeddu u kien intqal lilu mhux bil-kitba, hemm nota fil-file, kien intqal lilu li l-ispejjez, li jista' jqabbad kemm irid avukati pero l-ispejjez f'idejh ghax ahna ha nuzaw l-avukat taghna but then again dak mhux diskors li ghidt jien ghax ma kontx hemm dak izzmien. Li rajt hand written note fil-file*". Jikkonferma li kien għal din ir-raġuni li huma ma ħallsux l-ispejjeż ta' Bonello. In kontro-eżami ix-xhud ikkonferma li s-Sur Said, ir-raġel tal-attriċi, kien iċempillu kull ġimgħa u mar l-uffiċċju tiegħu xi tlett darbiet u meta ġie mistoqsi jekk kienx ikellmu fuq il-każ ix-xhud qal li Said kien jgħidlu li l-mara kienet ħdejh u li ser ikellmu dwar il-każ u kien jippreżumi li kien qiegħed ikellmu għan-nom tagħha.

**Provi dokumentarji**

30. Apparti l-ftehim ta' transazzjoni kwotat aktar 'l fuq, ġew preżentati żewġ dokumenti oħra ta' relevanza. L-ewwel wieħed huwa l-polza t'assikurazzjoni li kellu Albert Sammut mas-soċjetà Motor Insurance Pool, liema polza kienet tipprovdi b'mod partikolari s-segwenti:

> *"2.5 In the same way as You are insured, We will insure any Authorised Driver in connection with an accident involving the Motor Vehicle [...]*
>
> *2.7 We may at Our option:*
> *[...]*
> *(b) pay for legal services to defend anyone We insure, if criminal proceedings are taken in any court of law in respect of any accident which might involve a Claim under this Polcy. We will only pay these legal fees if they arise from an accident that is covered under this Policy. [...]*

*7.1 This Policy will not insure:*
*[...]*
*7.1.6 any liability while the Moter Vehicle is being:*
*[...]*
*(c) driven by any person who has been disqualified from driving or has not held a Licence to drive the Motor Vehicle or is prevented by law from holding one [...]"*[12]

Dwar *claims procedure* il-polza tgħid hekk:

*"8.5 We will be entitled to:*
*(a) Take over and conduct in Your own name or in the name of anyone else insured by this Policy, the defence or settlement of any Claim;*
*(b) Take proceedings at Our own expense and for Our own benefit, but in Your name, or in the name of anyone else insured by this Policy, to recover any payment which We have made or may make under this Policy;*
*(c) Retain full discretion in the conduct of any proceedings and in the settlement of any Claim;*
*(d) Receive full co-operation on any matter affecting this insurance from You and anyone else insured by this Policy;*
*(e) Delegate any of the above mentioned authority, power or discretion to any other person."*[13]

31. It-tieni dokument rilevanti huwa d-dikjarazzjoni mogħtija minn Bonello lis-soċjetà assikuratriċi fl-14 ta' Lulju 2009, fejn Bonello awtorizza lis-soċjetà assikuratriċi "*to handle, conduct any proceedings and settle this claim in its full discretion*."[14]

**L-Azzjoni**

32. L-azzjoni attriċi rimanenti wara ċ-ċessjoni tal-mertu hija limitatament dwar il-kap tal-ispejjeż mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fis-27 ta' Marzu 2020 'il quddiem u dan limitatament fil-konfront tal-konvenut Massimo Bonello.. L-ispejjeż sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tħallsu lill-attriċi

[12] Fol 200 – 202 tal-proċess.
[13] Fol 203 tal-proċess.
[14] Fol 209 tal-proċess.

mill-assikurazzjoni bħala parti mit-transazzjoni esibita mill-attriċi man-nota tagħha tal-1 ta Diċembru 2020.

33. Huwa miżmum illi meta l-mertu ta' kawża jiġi tranżat jew għal xi raġuni oħra eżawrit, fl-eventwalita' ta' nuqqas ta' qbil dwar il-kap tal-ispejjeż il-Qorti xorta waħda għandha tiddeċiedi dwar il-mertu meħud kont ukoll tal-eċċezzjonijiet u dan sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni li tiddeċiedi dwar il-kap tal-ispejjeż li jkun għadu punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet. F'tali ċirkostanzi l-Qorti tibqa' marbuta li tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż fid-dawl ta' dak li jipprovdi Artikolu 223 tal-Kap. 12 u cioe' li kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż u li fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra. (ara **Carmela sive Bella Hili vs. Meli Car Rentals Limited et -** Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) - 5 ta' Ġunju 2009).

**L-Inċident**.

34. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attriċi tinsisti li hija kienet wieqfa fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar tistenna li jgħaddu l-vetturi sabiex taqsam, u kien dak il-ħin li ttajret minn vettura misjuqa mill-konvenut Bonello. Min-naħa tiegħu Bonello jinsisti li huwa kien qiegħed isuq b'mod galbat b'veloċita' baxxa meta skontu l-attriċi qabdet u qasmet it-triq bi traskuraġni, u mhux minn fuq *zebra crossing* li kienet viċin.

35. Il-Qorti eżaminat l-atti tal-inkjesta b'mod partikolari ir-ritratti li jinsabu eżebiti minn fol. 356 sa fol. 367 tal-proċess tal-kawża odjerna, kif ukoll ir-rapport tal-Perit Richard Aquilina nominat bħala espert mill-maġistrat inkwirenti inkluż il-pjanta li rrediġa li tinsab a fol. 332 tal-proċess.

36. Minn dawn ir-ritratti u pjanta jirriżulta illi l-impatt seħħ fejn mal-art instabu bċejjeċ tal-perspex b'riżultat tat-tkissir tal-fanal ta' l-indicator xellug quddiem tax-xarabank li kien qed isuq Massimo Bonello. Fejn instab dak il-perspex kien hemm ukoll tiċpis ta' demm. Ftit aktar 'l isfel roqgħa demm friska li tindika fejn l-attriċi spiċċat wara li ġiet imtajra mix-xarabank. Indikazzjoni din illi l-attriċi ittajret mill-punt immarkat bin-numru 5 fuq il-pjanta tal-Perit Aquilina

u spiċċat fil-punt numru 2. Il-Qorti tosserva wkoll illi wara l-impatt il-vettura instaqet għal tul ta’ xarabank u nofs.

37. Il-posizzjoni fl-art tal-bċejjeċ tal-perspex turi li fil-mument tal-impatt l-attriċi ma kenitx fuq il-bankina iżda fit-triq viċin ħafna tal-bankina. L-attriċi xhedet li kienet qed tistenna t-traffiku jgħaddi sabiex tkun tista’ taqsam. Is-sewwieq xhed li qabel l-impatt lill-attriċi ma rahiex u li ra l-ewwel darba meta niżel mx-xarabank u sabha f’għadira demm.

38. Jirriżulta illi ftit metri bogħod minn fejn sar l-impatt hemm zebra crossing li pero’ l-attriċi għażlet li ma tużax sabiex taqsam dik it-triq.

39. Mill-pjnata a fol. 332 jirriżulta wkoll illi wara l-impatt ix-xarabank imxiet numru ta’ metri ‘l quddiem u tħarket aktar ‘il bogħod mill-bankina.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Joseph Falzon et. v. Emanuel Schembri et.** (nru. 1036/11JRM) mogħtija fit-30 ta’ Ġunju, 2020 fejn tinsab rassenja ġurisprudenzjali dwar ir-responsabbiltajiet kemm tas-sewwieq kif ukoll tal-*pedestrian* meta dan ta’ l-aħħar jittajjar minn vettura:

> “Normalment, meta persuna tagħżel li taqsam it-triq, tieħu fuqha r-responsabbiltà tal-għemil tagħha. Fil-każ fejn persuna qegħda taqsam it-triq, ma għandha teżisti l-ebda preżunzjoni li l-ħtija hija dejjem tas-sewwieq li jtajjarha jew li min qed jaqsam dejjem għandu raġun (P.A. PS 27.6.2003 **Mary Żarb et vs Mauro Overend**). Dan jingħad il-għaliex id-determinazzjoni tar-responsabbiltà għal inċident fejn persuna tintlaqat hija u taqsam it-triq tiddependi wkoll mill-mod kif dik il-persuna ġġib ruħha. Din ir-responsabbiltà fuq il-passant, madankollu, ma teħlisx lis-sewwieqa mill-obbligu doppju li jkunu jafu x’qiegħed jiġri fl-inħawi li minnu jkunu qegħdin isuqu u li jżommu kontroll tajjeb tal-karozza li tkun taħt il-kontroll tagħhom. Kemm hu hekk, il-persuna li tkun qegħda taqsam it-triq għandha l-jedd li tippretendi li s-sewwieqa jkunu għaqlin u diliġenti biżżejjed biex ma jtajruhiex hi u taqsam, u sewwieq li jkun naqas minn xi wieħed miż-żewġ dmirijiet ewlenin fuq imsemmija u li jkun b’hekk qiegħed lilu nnifsu f’qagħda li ma setax jevita li jtajjar lill-persuna li qegħda taqsam, għandu jġarrab il-ħtija ta’

dak in-nuqqas (P.A.GV 12.7.2002 - **Saviour Sammut et vs Robert Demanuele**);

Illi huwa llum stabilit li s-sewwieq f'każ ta' inċident fejn tittajjar persuna huwa meħlus biss mill-ħtija fejn joħroġ li l-persuna li qasmet it-triq tkun għamlet hekk għall-għarrieda, jew qasmet minn post li bniedem mhux maħsub li jaqsam minnu (P.A.GCD 17.6.2004 - **Carmelo Sciberras vs Gilbert Caruana**) jew tkun ġabet ruħha b'mod li poġġiet lis-sewwieq f'qagħda li, wkoll kieku uża l-għaqal u d-diliġenza kollha waqt li qiegħed isuq, ma kienx f'qagħda li jevita li jtajjar lil dik il-persuna (P.A.GV 28.5.2003 **Joseph Urpani vs Giaċinto Bartolo).**

Illi huwa stabilit ukoll li sewwieq li jkun qorob lejn *pedestrian crossing* għandu d-dmir doppju li jnaqqas il-ħeffa li jkun qiegħed isuq biha u li jżomm attenzjoni ta' dak kollu li jkun qiegħed iseħħ quddiemu u madwaru, b'mod li jara hemmx nies li juru l-fehma li sejrin jaqsmu jew jekk hemmx nies li diġa' jkunu bdew jaqsmu u jilħaq iwaqqaf fil-ħin (App.Krim. Inf. VDG 6.1.2003 **Pulizija vs Manuel Spiteri).**

40. Applikata l-ġurisprudenza in materia għall-każ odjern, il-Qorti tqis illi għall-akkadut kienu jaħtu ż-żewġ partijiet.

41. Min-naħa tal-attriċi huwa evidenti, anke kif xhedet hi stess, illi riedet taqsam it-triq minn fejn ma kienx hemm *zebra crossing* nonostante li ftit metri aktar 'l isfel hemm *zebra crossing.* Dan waħdu pero' ma jitfax it-tort tal-akkadut neċessarjament fuq l-attriċi. Ix-xhieda tagħha fil-kawża odjerna hija kontradetta mix-xhieda li l-attriċi kienet tat fil-proċeduri penali li kienu ttieħdu kontra l-konvenut Bonello. Fil-kawża odjerna xhedet illi:

*"... my intention was to cross Islet Promenade to get to Sajf bus stop. However, I did not get that far. While I was still crossing Halel Street, approximately while I was in the middle of Halel Street, I heard a noise and I turned back and saw that a bus was coming down Islet Promenade in the direction of Buġibba Suqare. This was bus BDY 431 [...] I had nearly arrived at the corner between*

*Halel Street and Islet Promenade, when suddenly I was hit by this bus bearing number plate BDY 431.*"[15]

Filwaqt li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kawża il-Pulizija vs. Massimo Bonello kienet xhedet:

*": .... Bus was coming from here and I saw the bus coming and when I arrive here I was waiting for him to pass so I can cross..."*

Dawn iż-żewġ verżjonijiet huma kontradittorji għaliex filwaqt li f'ta' l-ewwel tgħid li meta intlaqtet kienet miexja eljn il-kantuniera tat-trieq fejn Triq il-Ħalel tiltaqa' ma' Islet Promenadte, f'tat-tieni tgħid li kienet wieqfa tistenna x-xarabank misjuqa mill-konvenut Bonello tgħaddi. Kieku minnu dak li qalet l-attriċi illi hija ntlaqtet meta kienet għada qed taqsam Triq il-Ħalel il-bċejjeċ tal-perspex li kkonstata l-espert ġudizzjarju l-Perit Richard Aquilina ma kienux jinstabu, jew ta' lanqas ma kienux kollha jinstabu, fil-punt immarkat fuq il-pjanta minnu redatta[16] bin-numru 5. Wieħed kien jistenna li jsibhom fil-punt fejn skond l-attriċi seħħ il-point of impact u cioe' fi Triq il-Ħalel. Mill-assjem tal-provii u fuq il-konsiderazzjoni ta' dak li huwa l-aktar probabbli li ġara kif jemerġi mill-provi miġbura, din il-Qorti hi tal-fehma illi il-movimenti tal-attriċi qabel l-impatt kienu li qasmet minn katuniera għal oħra ta' fejn Triq il-Ħalel tmiss ma' Islet Promenade u minflok ma tegħat il-bankina waqfet taħt il-bankina tistenna li t-traffiku jippermettilha taqsam Islet Promenade li ma hiex triq dejqa. L-attriċi ma tat l-ebda spjegazzjoni għaliex għal ftit metri ma mxietx ftit aktar 'l isfel sabiex taqsam miz-zebra crossing.

42. Mill-banda l-oħra il-verżjoni li ta l-konvenut Bonello illi l-attriċi baqgħet dieħla fil-ġenb tal-vettura misjuqa minnu ma taqbilx mal-ħsara fuq ix-xarabank. L-impatt bejn ix-xarabank u l-attriċi kien ma' quddiem tax-xarabank u mhux mal-ġenb. Skond Bonello lill-attriċi ma raha fl-ebda mument qabel l-impatt. Jgħid li l-ewwel mument li rrealizza li ġara xi ħaġa kien meta sema' ħoss u waqaf.

Fil-fehma tal-Qorti sewwieq li kien qed iżomm *a proper look out* kien jara lill-pedestrian qabel l-impatt, anke jekk għal mument instantanju minħabba moviment azzardat tal-pedestrian. Jidher ċar fil-fehma tal-Qorti illi s-sewwieq ma kienx qed iżomm "a proper look out" bi ksur tal-obbligu tiegħu bħala

[15] Fol 181 tal-proċess.

[16] Fol. 332

sewwieq. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi kieku l-konvenut Bonello kien qed iżomm 'a proper lookout' kien jara lill-attriċi qabel l-inċident. Bil-fatt li xhed illi lill-attriċi ma rahiex qabel l-impatt ma jiskolpahx mir-responsabbilta' tiegħu ta' sewwieq. Mill-posizzjoni angolata li fiha waqfet ix-xarabank wara l-impatt fis-sens illi hija angolata 'il barra mill-bankina, l-Qorti tiddeduċi illi l-konvenut Bonello kien qed isuq viċin wisq il-bankina meta seħħ l-impatt;; u dan fi triq pjuttost wiesgħa.

43. Magħmula dawn il-konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet il-Qorti hi tal-fehma illi għall-inċident mertu ta' din il-kawża sew l-attriċi qua pedestrian kif ukoll il-konvenut Massimo Bonello qua sewwieq tax-xarabank li tajret lill-attriċi huma responsabbilita' b'din ir-responsabbilita' tinqasam f'sehem ugwali bejniethom għaliex tqis illi kemm is-sewwieq kif ukoll il-*pedestrian* ikkontribwixxew materjalment għall-akkadut b'mod ugwali.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż bejn l-attriċi u l-konvenut Massimo Bonello wara n-nota ta' ċessjoni parzjali ppreżentata mill-attriċi fl-1 ta' Diċembru 2020 billi tordna illi l-ispejjeż ġudizzjarji relativi mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Marzu, 2020 'il quddiem li baqa' mhux ċedut għandhom jibqgħu bla taxxa bejniethom b'applikazzjoni tal-Artikolu 223 (3) tal-Kap. 12 billi qed issib illi għall-inċident mertu tal-kawża kienu responsabbli it-tnejn li huma f'sehem indaqs.

B'hekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża in vista tan-nota ta' ċessjoni parzjali tal-attriċi fuq imsemmija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru, 2023

**Deputat Reġistratur**